# POL 11 – SKRAPPJAR/TNEĦĦIJA TA' VETTURA MIR-REĠISTRU

## PROĊEDURA OPERATTIVA STANDARD (SOP's)

## 1 SKOP

1.1 L-iskop ta' dawn il-proċeduri huwa li jiġi spjegat il-proċess u li s-sidien tal-vetturi jiġu nfurmati dwar il-proċedura sabiex vettura tkun tista' tiġi skrappjata u mneħħija mirreġistru ma' Transport Malta.

1.2 Vetturi li jiġu skrappjati /imneħħija mir-reġistru ma jistgħux jiġu reġistrati biex jintużaw fit-triq.

## 2 PROĊEDURA

2.1 Transport Malta se tneħħi/tiskrappja vettura biss jekk sid il-vettura jippreżenta ċertifikat ta' distruzzjoni maħruġ faċilità awtorizzata li jikkonferma li l-vettura ttieħdet f'faċilità ta' trattament skont ir-Regolamenti dwar l-Immaniġġar ta' Skart (Vetturi fi Tmiem Żmienhom). Dan ir-rekwiżit se jkun mandatorju mill-1 ta' Novembru, 2013.

2.2 Sid il-vettura għandu l-ewwel jieħu l-vettura f'faċilità awtorizzata u l-vettura tiġi skrappjata skont ir-Regolamenti dwar l-Immaniġġar ta' Skart (Vetturi fi Tmiem Żmienhom). Il-faċilità ta' trattament awtorizzata toħroġ Ċertifikat ta' Distruzzjoni u tgħaddih lil sid il-vettura. Dan iċ-ċertifikat għandu jiġi preżentat lil Transport Malta waqt il-proċess ta' skrappjar/tneħħija mir-reġistru.

**Faċilitàjiet ta' distruzzjoni awtorizzati mill-ERA:**

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Tar-Robba Recycling Centre Ltd.** Limits of Kirkop Tel No: 21683558, 99457162, 99493311 email: **johnghigo53@gmail.com** | **Fredu Auto Parts** Plot, 6/7, Nassab Street, Qormi, QRM 3543 Tel No: 27492222, 99490220 email: **freduautoparts@melita.com** | **Gasparell Baling Plant Ltd** Ħal Far Ind Estate, B'Bugia HHF 601 Tel No: 21651475, 99495236 email: **gasparell.b@gmail.com** | **LCK** Triq tas Sriedek Tel No: 79446697 email: lckgarage@hotmail.com |
| **ELA Ltd** 31, Wied Ghammieq Road, Kalkara Tel No: 21896023, 99495035, 99477294 email: **criszu75@gmail.com** | **Auto Check Ltd** 19/20/47, Triq l-Inginerija ma' Triq l-Iskola Teknika, Mriehel, Birkirkara Tel No: 21444441, 79444441 email: **repairs@met.com.mt** | **MANGI RECYCLING** Bartmik Industrial Zone Level -2, Garage 18, Triq Sqaq l-Mithna, Qrendi Tel No: 79333194 email: **mangizurrieq@gmail.com** | |

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Jac Steel Ltd**<br>Industrial Estate,<br>Triq Giuzeppe Garibaldi, Marsa, MRS 2591<br>Tel No: 79664749<br>email:<br>sales@jacsteel.com | **Trihills Heavy Industries Ltd**<br>Triq tal-Barrani, Ghaxaq GXQ 9020<br>Tel No: 79493314<br>email:<br>info@trihills.com;<br>accounts@trihills.com | Roc-A-Go Services Ltd<br>Triq Tal-Barrani, Zejtun<br>ZTN9023 Tel No: 21697766<br>email: rocagoltd@gmail.com | |

2.3 It-taqsimiet 2.1 u 2.2 jgħoddu BISS

- għall-vetturi M1 kollha (vetturi tal-passiġġieri li jistgħu jgħabbu sa mhux aktar minn tmien passiġġieri minbarra s-sewwieq) u
- għall-vetturi N1 (vetturi użati għall-ġarr tal-merkanzija l-ogħla massa ta' mhux aktar minn 3.5 tunnellata metrika). Il-vetturi l-oħra kollha huma eżenti mit-taqsimiet 2.1 u 2.2.

2.4 Wara li l-vettura tittieħed fil-faċilità ta' trattament awtorizzata, is-sid reġistrat talvettura għandu jmur personalment fl-uffiċini ta' Transport Malta, DVLU, A3 Towers, Triq L-Arkata, Paola JEW Triq Pantar, Lija bejn it-Tnejn u l-Ġimgħa, mis-7:30 a.m. sa 13:00am u jippreżenta d-dokumenti li ġejjin:

a) Iċ-ċertifikat tar-reġistrazzjoni tal-vettura (*log book*)

b) Il-pjanċi tan-numru tar-reġistrazzjoni

c) Id-diska tal-liċenzja taċ-ċirkolazzjoni (jekk tkun għadha valida)

d) Il-formola ta' applikazzjoni VEH 13

e) Iċ-ċertifikat tad-distruzzjoni tal-vettura maħruġ mill-faċilità ta' trattament awtorizzata (jgħodd biss fir-rigward ta' vetturi M1 u N1)

f) Jekk il-vettura hija reġistrata f'isem kumpannija, tkun meħtieġa ittra ffirmata misSegretarju jew Direttur Maniġerjali tal-kumpannija, li tikkonferma l-ħsieb li l-vettura se tiġi skrappjata. Id-dikjarazzjoni għandha tikkonferma li d-diretturi ma jsibu l-ebda oġġezzjoni li l-vettura tiġi skrappjata. Il-Bord tad-Diretturi jista' jawtorizza lil Direttur jew lil rappreżentant ieħor biex imur personalment u jieħu miegħu l-karta tal-identità.

g) Kanċellazzjoni tax-xiri bin-nifs (jekk ikun japplika)

h) Dikjarazzjoni maħlufa/affidavit iffirmata/iffirmat minn Nutar bħala konferma li l-vettura hija skrappjata u ma kinitx qiegħda tiġi użata fit-triq wara d-data li fiha tkun skadiet laħħar liċenzja jew l-ahhar kontravenzjoni.

2.5 Jekk ikun hemm ħlasijiet ta' multi għal kontravenzjonijiet fir-rigward tal-vettura irid issid ikun irid iħallas dawk l-arretrati **KOLLHA** dovuti sad-data tal-aħħar kontravenzjoni.

2.6 Jekk il-vettura ma tiġix skrappjata fi żmien tliet xhur minn meta tiskadi l-liċenzja tat-triq, allura tkun trid titħallas multa amministrattiva ta' €10 lill-Awtorità għal kull xahar li lliċenzja ta' ċirkolazzjoni tibqa' ma titħallasx iżda dak l-ammont ma jeċċedix il-€100, minkejja kull azzjoni oħra li tista' tittieħed skont l-Ordinanza dwar ir-Regolament tatTraffiku jew regolamenti magħmula taħtha. Jekk il-vettura ma tiġix skrappjata b'mod uffiċjali ma' Transport Malta, il-vettura tibqa' titqies li qiegħda tintuża fit-triq, u allura xorta waħda jkun irid jitħallas id-dritt tal-liċenzja ta' ċirkolazzjoni.

2.7 Irid isir ħlas amministrattiv ta' €10 għall-iskrappjar/tneħħija mir-reġistru tal-vettura.

2.8 Jekk vettura ġiet imneħħija, mingħajr ma ġiet awtorizzata, **wara l-ewwel ta' Novembru 2013**, trid titħallas miżata ta' **€150**.

## 3 KIF GĦANDU JSIR IL-ĦLAS

3.1 Meta l-ħlas isir b'ċekk dan għandu jkun pagabbli lil Transport Malta u jekk l-ammont jaqbeż is-€1,500, il-ħlas għandu jsir b' ċekk, ċekk bankarju jew b'karta ta' kreditu jew ta' debitu.

## 4 NOTI

4.1 Ikun hemm każi fejn transazzjoni ma tkunx tista' ssir u dan minħabba xi restrizzjonijiet oħra kif imposti fuq il-vettura.

4.2 Il-formola ta' applikazzjoni VEH13 imsemmija hawn aktar qabel tista' titniżżel millwebsajt tal-Awtorità: **www.transport.gov.mt.**